ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT12/24/DS

Jason Camilleri

Vs

Digital Zone

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-19 ta' Jannar, 2024 fejn talab s-soċjeta' intimata riżarciment fl-ammont ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€674) għal televiżjoni li kien danneġġat;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-19 ta' Frar 2024;

Ra illi l-arbitru Dr Charmaine Cherret kellha kunflitt ta' nteress u astjeniet milli tisma' l-każ u għaldaqstant sussegwentement għadda għand it-Tribunal kif preżentement kompost;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża. Jinnota illi l-verżjoni tal-fatti mgħotija minn Marlon Cachia hija sempliċement mgħotija b'*email* u annessa mar-risposta pero' din m'hijiex verżjoni ġuramentata u ma tistgħax tittieħed in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet ta' dan it-Tribunal;

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sueċint huma s-segwenti. L-attur xtara telviżjoni mingħand is-soċjeta' intimata għall-preżż ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€674) liema preżż mhux ikkontestat. Meta intbagħat bil-*courier* l-attur ma xegħelux mill-ewwel u jsostni illi l-courier kien mgħaggel u telaq meta t-TV kien għadu ssigillat. Huwa weħħlu f'postu xi ħamest ijiem wara.

Illi s-soċjeta' intimata tgħid illi l-*courier* sostna magħha illi fil-fatt kien l-attur illi ma ħalliehx joħroġ it-TV mill-kaxxa u jixgħelu iżda spezzjojna l-kaxxa esternament u aċċetta l-prodott. Tgħid ukoll illi qabel tpoġġa fil-kaxxa ġie spezzjonat u mixgħul u ta' dan għandha video pero' kull ma ġie preżentat huwa ritratt. Għalkemm is-soċjeta' intimata fir-risposta tagħha tgħid illi '*the video can be made available if required*' dan it-Tribunal jimxi fuq dak preżentat mill-partijiet bħala prova u din il-prova baqgħet ma nġiebitx.

Illi t-Tribunal hawnhekk jagħmel referenza għad dokument fl-atti illi juri Tax Invoice li fuqu hemm imniżżel '*Goods received & checked by customer and found in good condition.*' Pero' din id-dikjarazzjoni m'hijiex iffirmata w'għaldaqstant li huwa ċert hu illi l-klijent fl-ebda ħin ma ffirma illi t-TV kien iċċekkjat minnu u misjub f'kundizzjoni tajba. Lanqas hemm xi nota miktuba mill-courier illi l-klijent ma riedx jagħmel speżżjoni tal-prodott jew jixgħelu kif jingħad illi ġara mis-soċjeta' intimata.

Illi fl-aħħar mill-aħħar is-soċjeta' intimata kienet lesta tirriżarċixxi lill-attur. Dan kien infurmat bid-deċiżjoni tas-soċjeta' attriċi permezz ta' email mingħand Paypal, datata 24 ta' Jannar, 2024 li fiha kien hemm imniżżel '*Digitalzone has agreed to issue a full refund of €674 EUR once you return the item(s) associated with this transaction*'. F'email oħra fl-istess ġurnata mingħand l-istess Paypal bagħtu jgħidu lill-attur '*Thank you for providing the tracking information for the item(s) you've returned to Digitalzone. We've shared this information with Digitalzone and have asked them to inform us when they receive the item(s).*' B'messaġġ kunfliġġenti mingħand Paypal f'email fil-21 ta' Frar, 2024 l-attur ġie nfurmat illi kienet ittieħdet deċiżjoni illi ma jaċċettawx it-talba tiegħu għaliex '*you did not provide the tracking details we requested.*' U dan meta fl-email ta' qabel bagħtu jirringrazzjawh għaliex bagħat it-'*tracking information*', li kien joqos biss huwa li Digitalzone jikkonfermaw li rċevew it-TV, xi ħaġa illi ma jidhirx illi għamlu u għaldaqstant Paypal ma ħallsitx lill-attur.

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi dan it-Tribunal m'għandux kawża miftuħa kontra Paypal quddiemu iżda kontra Digitalzone. Għaldaqstant dak illi jrid jara huwa jekk Digitalzone aċċettawx illi jħallsu l-ammont rikjest u jekk iva, jekk fil-fatt tħallasx. Riġward jekk aċċettawx li jħallsu, għalkemm Julian Meli għas-soċjeta' intimata qal li kienet Paypal li ddeċidiet illi l-prodott għandu jiġi rritornat u mhux huma fl-istess xhieda jgħid illi 'meta ikollok kuntratt ma Paypal inti tkun marbut bid-deċiżjonijiet li jieħdu huma dwar ir-ritorn tal-prodott' u għaldaqstant din hija konferma illi Digitalzone kienet obbligata tieħu lura l-prodott u tagħti riżarċiment tiegħu.

Illi jidher ċar illi dan ma sarx għaliex huma ma kkonfermawx illi l-prodott u cioe t'TV rċevewh. Li kieku għamlu dan l-attur ma kienx ikun qiegħed quddiem dan it-Tribunal jagħmel it-Talbiet tiegħu. Dan it-Tribunal ma jaċċettax illi għaliex is-soċjeta' intimata tgħid li ma kellha l-ebda mezz kif turi li t-TV rċevewh għandu jbagħti l-klijent. Il-kuntratt ma Paypal u kif għandu jiġi kondott il-business bejn l-istess Paypal u s-soċjeta' intimata ma jikkonċernax lill-attur. Kulma jikkonċerna lill-attur huwa illi Digitalzone kien obbligat jagħti riżarċiment galadarba jirċievi t-TV lura u dan l-obbligu naqas minnu.

Illi għall-kompletezza, galadarba kien hemm obbligu li daħlet fih is-soċjeta' intimata dan it-Tribunal mhux ser jidħol fil-kwistjoni tad-dannu ġiex rekat mill-attur o meno għaliex dak l-argument missu sar qabel mal-klijent qalulu illi ser jiġi riżarċit. Galadarba skattat dik l-obbligazzjoni minn irreka d-dannu o meno hija sorvolata u dan it-Tribunal mhux ser jidhol fiha.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€674) lill-attur illi jidher illi diġa rritorna t-TV lis-soċjeta' attriċi. Mill-provi prodotti ma jirriżultax illi t-TV ingħata lura lill-attur pero' jekk huwa l-każ illi t-TV

preżentment huwa fil-pussess tal-attur huwa għandu jirritornah lis-soċjeta' attriċi fi żmien gimgħa mid-data meta din is-sentenza tiġi eżegwibbli.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru